L-Orizzont

LORNA VASSALLO

Data tal-Pubblikazzjoni: Il-Gimgha, 5 ta' Settembru, 2003

**Mal-hagra t-tajn!**

Vera li zmien il-hagar beda Malta. Izda mid-dehra zmien il-hagar rega' gej! Id-domanda ghal proprjetà f'Malta qieghda tikber ghal diversi ragunijiet: il-banek m'ghadhom jaghtu ebda nteressi fuq flejjes mizmuma ghandhom, u kull min ghandu xi sold zejjed qed jittanta ruhu fil-proprjetà.

Sahansitra rnexxieli nikkonvinci tlett ihbieb jiddejnu biex jixtru propjretà ghax hekk jaqblilhom u wahda minnhom kienet *accountant*, li rnexxieli nifthilha ghajnejha jien! Ghall-inqas niswa ghal xi haga xi kultant! It-tieni raguni hija li kulhadd qed jibza' jammetti jew ma jammettix li, malli l-proprjetà se tibda tinxtara iktar minn qabel mill-barranin, issa, li se nsiru membri shah fl-Unjoni, u, ghalkemm, bil-kliem jaghmlu mod, u bil-fatti jaghmlu iehor. Fil-fatt ghandek settur ta' nies li jixtiequ jkollhom il-proprjetà biex jghixu fiha li qeghdin ihabirku halli tkun taht idejhom u settur ta' nies ohra li qeghdin jixtru l-proprjetà biex imbaghad jergghu jbighuha fi zminijiet ahjar.

Izda l-isfortuna hija wkoll li kull ma qeghdin nitkellmu dwaru hawn fuq huwa aktar dejn milli flus! Jien nghidilhom flus immaginarji mifruxin fuq medda ta' 30 sena ghal kull individwu. Jigifieri d-domanda ghall-proprjetà mhix qieghda tirrifletti c-cirkolazzjoni ta' flus jew *cash flow* tal-pajjiz. Miniex ekonomista, ghalissa, forsi xi darba nkunu nistghu nissejhu hekk ukoll, izda l-affarijiet meta jaslu fl-estrem taghhom bilfors trid tinnotahom.

U fil-fatt jidher li s-settur tal-kostruzzjoni sejjer lura ghal zmien il-hagar bil-mod il-mod. U mhux ghax jahdmu bil-gebel. Izda ghax qeghdin jixtru u jbighu bil-gebel! Jista' jkun li certi Maltin qeghdin jghixu joholmu bil-flus iktar milli nahsbu! Li qieghed jigri huwa li l-kuntratturi qeghdin jinnegozjaw flor ihallsu 'l min jaghmlilhom ix-xoghol bil-flus ihallsuh jew permezz ta' *flat* jew inkella anke permezz ta' oggetti ohra.

Iltaqjt ma' kahhal li ghandu jiehu xi Lm800 fi prodotti tal-kostruzzjoni minghand post partikolari bhala hlas ta' xoghlu. U wara gie offrut jahdem bicca xoghol b'arrangament simili u m'accettax. Il-probabbiltà hi li min joffri l-prodotti jkollu jaghti lill-kuntrattur u l-kuntrattur ikollu jaghti lill-kahhal.

Allura l-kuntrattur jiftiehem ma' tal-hanut li jhallas lill-kahhal ftit ftit u jikkonvincih li l-prezz eventwalment se jigih irhas ghax qed jixtri l-prodotti bil-*cost price* mentri xorta qeghdin jiswew b'*selling price*. Il-kahhal mill-banda l-ohra jkollu jikkuntenta ghax probabbilment ikun digà lesta x-xoghol u jippreferi jkollu jaghmel hekk milli jiftah xi kawza! Jew joqghod jistenna lill-kuntrattur idahhal flusu. Li gara, izda, li l-kahhal spicca jrid jixtri l-prodotti kollha minghand l-istess persuna, joghgbux jew ma joghgbuhx il-prodotti jahdem ikollu bilfors imur fl-istess post biex jixtrihom, jigifieri jekk tal-hanut huwa mill-Mosta u qieghed jahdem Marsaxlokk ikollu jitla' l-Mosta ghall-prodotti! Storja drammatika li tista' taghti idea lil xi erbgha min-nies kif ghandhom jehilsu minn xi bicca dejn jekk ghandhom jiehdu minghand haddiehor ukoll! Izda dan ic-ciklu ta' djun ma jkunx jista' jdum wisq.

Fi zmien il-hagar kienet tezisti s-sistema ta' *barter* safejn nafu ahna. U fil-fatt fl-industrija tal-kostruzzjoni l-kelma *barter* donnha qieghda terga ssir xi *buzz word*. Bhall-istorja tal-*landfill* donnu l-lingwa Ingliza ahna l-Maltin insibuha konvenjenti hafna biex nghattu xturna biha. Issa s-sistema tal-tpartit, jew *barter* kellha difett wiehed meta kienu juzawha n-nies ta' zmien il-hagar jew ta' warajhom. Li jekk bniedem joffrilek fenek u ma thobbx il-fenek jista' ma joffrilekx il-fenek mal-ewwel. Ahseb u ara jekk joffrilek gebla u jkollok il-guh!

Huwa ghalhekk li sistema bhal din ma tistax isservi ghal hafna. Ghax x'se jaghmel il-kahhal fil-*flat* u biz-zebgha biex jghajjex il-familja? Jaghtihom jieklu l-gebel? Haga wahda hija certa, li ghalkemm l-industrija tal-bini tidher li hija miexja mhux hazin – hija miexja, l-ewwelnett ghal ragunijiet li ftit li xejn huma konfrontanti u li huma pjuttost imnissla kemm minn biza' li l-proprjetà se toghla kif ukoll minn kilba zejda ghall-flus minn min lest li jahtaf  kemm jista' halli meta tigih x-xoqqa f'moxtha flok iqassam il-proprjetà lill-koppji Maltin ghal ghanijiet socjali jqassamha lil min ghandu l-flus (Maltin jew barranin). It-tieni hija miexja hafna drabi fuq flejjes immaginarji u djun iktar milli fuq flus kontanti.

Ma nistghux nghidu li l-Gvern prezenti ma kienx il-pijunier f'dan il-qasam. U l-ezempju donnu jkaxkar u bilkif! L-ewwel – kemm kienu? Mitt miljun? Imbaghad Lm81 miljun fuq tliet snin? U issa qeghdin nistennew il-flus gejjin daqs frieh ta' l-ghasafar bil-guh fil-bejta u kull ma qeghdin nisimghu kemm hi sejra hazin l-ekonomija Maltija, kemm qed ihallas interessi kuljum il-Gvern Malti, li s-sistema tas-sahha mhix sostenibbli, li jinfethu iktar mizbliet, li c-*children's allowance* ghadha ma dahlitx, li l-Ministru tal-Finanzi ma dahhalx bizzejjed flus mit-taxxi, multi u mit-taxxa fuq il-valur mizjud.. insomma storja twila hafna fejn imkien ma jissemma' li nghataw xi flus hlief xi erbat itfal marru fuq programm ta' Leonardo jew ta' Sokrate. Anzi dan l-ahhar sirt indur naqra l-gazzetti tal-Gvern ha nara x'jghidu – qeghdin jiktbu pagni shah fuq il-Partit Laburista, izda mkien ma sibt xi rokna tghid kemm qieghda tghinna l-Unjoni halli jirnexxielna nissodisfaw il-kriterji kollha halli nsiru membri shah taghha. M'ghandniex ghaliex nistaghgbu li l-individwi wkoll qeghdin jghixu fuq id-dejn f'dan il-pajjiz.

Ghandi nassumi li xi haga vera stramba li jien studjat fis-snin tieghi ta' l-Università u li qatt s'issa m'applikajt fil-professjoni – il-bejgh tad-djun hija l-haga li jmiss li se tigi invoga jekk mhux digà hija. Ghalkemm hija possibbiltà li taghtihielek il-ligi daqs kull dritt iehor li taghtik il-ligi jekk il-bniedem minn jaf kemm-il miljun sena ilu holoq il-munita biex tkun imparta ma' dak li jixtieq verament il-konsumatur ma nafx ghaliex ghandna mmorru daqshekk lura li nergghu mmorru ghall-*barter*.  Il-*barter* u l-bejgh tad-djun u s-surrogi ma jfissirx li b'xi mod jew iehor m'intix qed iddahhal flusek – izda bihom ma tikolx! Erbat ijiem ohra se nispiccaw li npartu mal-hagra t-tajn!

Ir-rata mghaggla li bihom il-privat qed jahtaf il-proprjetà se jkollha riperkussjonijiet fil-futur fuq il-bini ghal skopijiet socjali li s'issa kwazi kollu sparixxa u jekk baqa' ftit minnu. Imma dawk problemi tal-futur! Toqoghdux thabblu raskom fuqhom!

Ic-cirkostanzi ghad jinbidlu u jergghu jinbidlu u jergghu jinbidlu. Ghax il-Partit Laburista biss jaghmilhom il-*U-turns*. Il-Gvern Nazzjonalista qatt ma sibnielu xi haga fejn qal xi haga u wara ftit zmien qal ohra …. Skuzawni – ghamel kontra!

Ghal kummenti jew suggerimenti iktbuli fuq lornav@onvol.net